# Beati u Qaddisin....Gunju

**11 ta' Gunju**
**Santa Pawla Frassinetti Vergni**

Twieldet fit-3 ta' Mrzu 1809, u t-tielet wild wara wara Guzeppi u Frangisku. Wara kellha zewg hutha ohra Govanni u Rafel. Meta kellha biss 9 snin sfat iltima u kellha tiehu hsieb ta' missierha u l-erba' hutha l-ohra bil-ghajnuna ta' zijitha. Fil-familja kienet tghallmet tikteb u taqra. Huha Guzeppi li sar sacerdot u l-ewwel tqarbina taghha kienu ghaliha zewg mumenti kbar ta' riflessjoni spiritwali. Xtaqet li tidhol soru imma kienet taf li missierha ma tantx kellu entuzjazmu ghall-progett taghha u kellha toqghod tistenna sa ma jasal il-hin u l-waqt li Alla jsejhilha . Ta' 19 il-sena flimkien ma' sitt kumpanni ohra waqqfet kommunita taht l-isem ta' Ulied il-Fidi biex flimkien jghixu l-hajja ta' imhabba ghal Kristu. Ma kellhom xejn taghhom hlief il-faqar. Fethu skola ghat-tfal bniet fqar. Imma it-toroq tal-Mulej huma differneti minn dawk tal-bniedem. Il-Kolera faqqet f'Genova u "uliedha " kienu joffru l-ghajnuna u l-konfort lil min kien isib ruhu fil-bzonn.



Fis-sena 1835 Don Luca Passi habib ta' huha sacerdot ipproponilha biex tiehu hsieb l-istitut Opra tal-Hniena ta' Santa Dorotea li hu kien waqqaf bl-iskop li jilhaq liz-zaghzaghl-aktar fqar u fil-bzonn. Pawla rat li din l-okazzjoni kienet fuq l-istess linja ta' appostolat li xtaqet tahdem

jigifieri dik ta' edukatrici u hidma ta' qdusija, u hatfet l-offerta. Minn dak in-nhar bdew jissejhu s-sorijiet ta' Santa Dorotea. Kienet disponibbli f'idejn il-Mulej biex tevangelizza permezz ta' l-edukazzjoni billi taghti preferenza liz-zaghzagh u lill- fqar. Fethet aktar djar f'Genova. Wara seba' snin, fid-19 ta' Mejju 1841 flimkien ma' zewg novizzi kellha udjenza mal-Papa. Il-komunita' ta' Santa Dorotea kompla jikber izda spirtu antireligjuz haken lil Italja. F'Genova id-Dorotej kienu il-mira ta' dan l-ispirtu hazin. Kellhom jghaddu minn sofferenzi kbar. Din il-mewga kontra l-knisja qabet l-art anke gewwa Ruma. Girgor XVI miet u warajh lahaq Piju IX li halla lir-Ruma u mar gewwa Gaeta. L-istess ghamlu l-kardinali, isqfijiet u prelati li tbieghdu mill-kapitali . Pawla pero' baqghet f'Ruma flimkien mal-komunita' religjuza taghha biex thabbat wiccha ma' dawk il-mumenti drammatici.

Il-burraxka battiet u d-djar ta' Pawla Frassinetti komplew jinftehu ma' l-Italja kollha sahansitra bdew anke fil-Brazil u l-Portugall. Pawla kienet theggeg lis-sorijiet taghha b'dawn il-kelmiet : Kunu fjakkoli u hgejjeg jaharqu biex kull fejn tmissu taharqu bin-nar ta' l-imhabba t'Alla. Fis-sena 1878 Piju IX miet. Dan dejjem kellu stima u kliem ta' kuragg ghal opra appostolika taghha. Fil-11 ta' Gunju 1882 hija mietet bil-kliem fuq fommha: "Madonna tieghi qatt tinsa li jiena bintek." F'Gunju 8, 1930 giet iddikjarata beata filwaqt li fil-11 ta' Marzu 1984 giet iddikjarata qaddisa minn Gwanni Pawlu II.